MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-3 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2204/2002

**Pricewaterhourse Coopers**

**vs**

**Borg Holdings Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil- 11 ta' Settembru, 2002 fejn intalab li s-socjeta' konvenuta hija debitrici ta' Pricewaterhouse Coopers fl-ammont ta' Lm1,414.20 rapprezentanti ammont dovut wara li gew resi servizzi professjonali fuq talba tas-socjeta' konvenuta.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali.**
**Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta Borg Holdings Limited fejn gie eccepit:**

**1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2149 ( c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra d-ditta attrici stante illi s-servizzi professjonali li ghalihom gie mitlub l-ammont indikat fl-avviz, ma gewx provduti lis-socjeta' konvenuta, kif ser jigi ampjament pruvat waqt il-mori tal-kawza.**
**3. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Charles Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz qed isir ghal hlas tad-drittijiet professjonali ghal servizzi resi fuq talba tas-socjeta' konvenuta.**
**2. Is-socjeta' konvenuta qed tecepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2149( c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' l-preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn. In oltre s-socjeta' konvenuta qed tghid illi s-servizzi msemmija ma gewx provduti lill-istess socjeta' konvenuta.**
**3. Dwar l-ewwel eccezzjoni, cioe' dik tal-preskrizzjoni skond ma qal fl-affidavit tieghu Joseph Zammit Tabona fis-snin 1993 sa 1998 kien jiehu hsieb l-accounts tad-diversi kumpaniji li jifformaw il-JB Holdings Group, fosthom is-socjeta' konvenuta.**
**4. F'dan ir-rigward Charles Borg ghas-socjeta' konvenuta qal illi l-accounts kellhom isiru ghal perjodu mis-sena 1993 sas-sena 1997.**
**5. Skond l-istess Joseph Zammit Tabona kienu jintbaghtu statements lis-socjeta' konvenuta, liema socjeta', skond ma jghid hu, qatt ma kkontestathom. Huwa jkompli jghid li fl-1998 saret laqgha ma' Charles Borg u wara nkitbet l-ittra Dok JZT 1 datata 10 ta' Settembru 1998 fejn referibilment ghal Borg Holdings Limited hemm imnizzel is-segwenti "we are to carry out the audits for the various years outstanding. No fee has been agreed for this work as both sides are**

**not sure what work this entails." Jidher illi x-xoghol kellu jigi kompletat sa l-ahhar ta' Ottubru, 1998.**

**6. L-istess Charles Borg direttur tas-socjeta' konvenuta jichad li nghataw xi servizzi fil-konfront ta' Borg Holdings Limited.**

**7. Ghalkemm hemm referenza fix-xhieda ta' Zammit Tabona illi kien sar ftehim li jsiru pagamenti ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) fil-gimgha, jidher illi tali ftehim kien jirreferi ghas-socjetajiet li jifformaw il-JB Holdings Group.**

**8. Skond ittra datata 17 ta' Jannar 2000 mibghuta mis-socjeta' attrici lil JB Holdings Group fosthom is-socjeta' konvenuta, hemm referenza ghal fatt illi kien hemm kont pendenti li kellu jithallas bil-pagamenti ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) fil-gimgha. Mhux car u ma ngiebet ebda prova dwar meta sar l-ahhar pagament. Lanqas ma jirrizulta illi s-socjeta' attrici qatt interpellat b'att gudizzjarju lis-socjeta' konvenuta ghal hlas.**

**9. Din il-kawza nfethet fil-11 ta' Settembru 2002, cioe' ferm aktar minn sentejn wara li kien inghata s-servizz, apparti li ma ngiebet l-ebda prova li l-perjodu preskrittiv gie b'xi mod sospiz jew interrott. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi akkolta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, jiddikjara l-azzjoni preskritta a tenur ta' l-artikolu 2149( c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement jichad it-talba attrici kontra l-istess socjeta' attrici spejjez ghas-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------